*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 34*

***20 ta' Diċembru 2017***

## *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier

## *Assenti b'Apoloġiji* (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

### *34.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

34.1.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li hemm apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit li talab jiġi skużat hekk kif inqabat b'impenji tax-xogħol. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda u l-vot favur li jiġi skużat kien unanimu.

### *34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

34.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

34.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li llum il-Kunsill kellu laqgħa mall-Onorevoli Jose' Herrera fejn il-Ministru kkommetta ruħu li jagħmel laqgħa mall-Marsin sabiex jiħu ideja ta' dak li jixtiequ li jsiru bħala proġetti fil-lokalita'. Wara din il-konsultazzjoni l-Ministru qiegħed jissuġġerixxi li jinħoloq Kumitat Inter-Ministerjali biex jitwettqu dawn il-proġetti mixtieqa fejn huwa possibli. Madanakollu, huwa qal li huwa kommess li jwarrab fondi għall-ġonna fil-lokalita' billi jibda bi Ġnien Belvedere.

34.3.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega l-andament tal-laqgħa li l-Kunsill kellhu mall-Onorevoli Prim Ministru Joseph Muscat nhar l-4 ta' Diċembru fejn kull min kien hemm preżenti ta' l-kontribut tiegħu, iżda kulħadd kellu għan wieħed li jwassal messaġġ ċar lill-Prim Ministru dwar is-sitwazzjoni tal-Marsa, speċjalment fil-kuntest tas-sigurta' fil-lokalita'. Hawnhekk il-Kunsill ra li l-Prim Ministru huwa kommess li jlaqqa l-kabinett u jressaq il-proposti li l-Kunsill kellu, kif effettivament sar. Il-frott tal-laqgħa mall-kabinett wasslet għall-press conference mill-Onorevoli Ministru Michael Farrugia s-Sibt tal-istess gimgħa.

34.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li dawn l-aħħar permezz ta' dawn il-laqgħat saru ħafna wegħdi pero l-Kunsill irid jibqa jagħmel follow-up fuqhom għaliex faċli li jintesa' kollox. Il-liġi tax-xorb għenet imma xorta fadal ħafna x'jiġi mmaterjalizzat hekk kif dawn l-aħħar l-għassa tal-lokal kienet reġġħet magħluqa u l-karozza tal-Pulizija minflok qed tiġi użata għar-rondi qed tkun ipparkjata dejjem quddiem l-għassa.

34.3.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsillier s-Sur Frank Zammit għandhu proposta li nistiednu persuni tal-RIU u l-Pulizija għall-bibita nhar l-17 ta' Jannar fis-6.15pm. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *34.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

34.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer tkellem dwar diversi messaġġi fuq facebook li qed jikteb l-Onorevoli Claudio Grech li jikkonċernaw il-Marsa. Wara diskussjoni dwar is-suġġett is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill jista' joħroġ stqarrija fejn jisħaq li l-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat dwar il-proposti tal-Oppożizzjoni u li għaldaqstant huwiex sew li jsiru diversi proposti fuq il-midja soċjali mingħajr ebda kommunikazzjoni mall-Kunsill Lokali. Is-Sindku saħaq li l-bibien tal-Kunsill qatt ma kienu magħluqin għall-Onorevoli Grech, madanakollu, bil-proposti tiegħu huwa qiegħed effettivament jinjora l-Kunsill.

34.4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssuġġerixxa li l-istqarrija tkun hekk;

'B'referenza għal dak li qiegħed jidher fuq il-midja soċjali mill-Onorevoli Claudio Grech, il-Kunsill Lokali tal-Marsa filwaqt li mhux kontra ta' xi forma ta' għajnuna min xi ħadd biex il-Marsa tmur il-quddiem f'diversi oqsma, huwa jistenna li dak li jiġi propost ikun sar bi qbil mall-Kunsill. F'dan il-kuntest l-Onorevoli Grech beda' diskussjoni mingħajr ebda konsultazzjoni mall-Kunsill li huwa ir-rapprezzentant tar-residenti tal-lokal. Huwa stat ta' fatt li kull deputat ta' distrett jista' juża s-saħħa kollha tiegħu fil-Parlament biex imexxi l-quddiem dak li huwa ta' ġid għall-lokal tal-Marsa. Il-Kunsill dejjem ikollhu l-bibien miftuħin għal diskussjoni u suġġerimenti bla ebda distinzjoni ma min jixtieq jiltaqa' mall-Kunsill bħalma saru matul dawn l-aħħar xhur ma diversi Membri tal-Parlament fosthom L-Onorevoli Jose Herrera, l-Onorevoli Michael Farrugia, l-Onorevoli Silvio Parnis u mall-Onorevoli Prim Ministru Joseph Muscat kif ukoll mall-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar.'

Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu mill-membri preżenti.

## *34.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

34.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *34.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

34.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita' qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama fil-faċċata tal-kalendarju u fid-djarju tagħhom. Il-ħlas ta' dawn iż-żewġ reklami huwa ta' €230. Barra min hekk is-servizz li l-Kunsill jitlob għal arbli għal żmien il-Milied. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

34.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Għaqda Storika u Kulturali Marsa qed tagħmel numru ta' proposti li jixtiequ li jkunu fuq l-aġenda tal-laqgħa mall-Prim Ministru. Diversi Kunsilliera nnutaw li din l-ittra ma kienux jafu biha qabel il-laqgħa mall-Prim Ministru u għaldaqstant talbu sabiex darb'oħra l-amministrazzjoni tinforma lill-Membri tal-Kunsill qabel b'ittra bħal din. Għaldaqstant ġie miftiehem li għandha tintbgħat ittra ta' ringrazzjament u risposta. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

34.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina kellu diskussjonijiet mall-Pulizija dwar il-ħruq tan-nar tal-art. Huma qegħdin jitolbu sabiex il-Kunsill jikonsidra li dan jibda jsir fi Triq Nerik Sacco kantuniera ma Triq Xemxija kif indikat fil-pjanta annessa. Jekk il-proposta tiġi aċċetta l-Kumitat ser ikollu bżonn li jsiru madwar 12-il toqba fl-art. Il-Kunsilliera qablu li dwar din il-proposta irid ikun hemm konsultazzjoni mar-residenti. B'hekk ġie miftiehem li dawn ir-residenti ser ikunu kkonsultati permezz t'ittra li l-Kunsill ser jibgħat fejn jistaqsihom jekk għandhomx oġġezzjoni dwar din il-proposta. Il- Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *34.7 Tiswija ta'Parti minn Triq Balbi minn Triq l-Iskola sa ħdejn l-iskola Primarja.*

34.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-Membri tal-Kunsill dwar xogħol ta' resurfacing bit-tarmak li hemm bżonn isir fuq parti minn Triq Balbi minn Triq l-Iskola sa ħdejn l-iskola Primarja minħabba ħsarat li din it-triq għandha. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *34.8 Żieda fs-servizzi ta kenniesa minn Jannar 2018*

34.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono propona lill-Membri tal-Kunsill li min Jannar tas-sena d-dieħla hemm bżonn li l-Kunsill iżid servizz addizzjonali ta' tindif mill-kenniesa billi dan jiġi estiż bi tlett sigħat wara l-ħin tax-xogħol normali għal darbtejn fil-gimgħa f'dawk it-toroq li ma jintlaħqux matul il-ġurnata. Fix-xitwa s-servizz jiġi estiż sa l-erbgħa ta' wara nofsinhar filwaqt li fis-sajf is-servizz jingħata wara l-erbgħa. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm bżonn li jkun hemm timetable jew schedule tax-xogħol li l-kenniesa qed jagħmlu sabiex jintlaħaq kullimkien. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li diġa' hemm schedule għal kull triq pero jekk ikun hemm il-bżonn li jsiru toroq oħra u mhux dawk fix-schedule dan jista' jsir. Il-Kunsill ser jibgħat ix-schedule għall-attenzjoni tas-Sur Josef Azzopardi. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *34.9 Installazzjoni ta' CCTV Kameras*

34.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-kamera tas-sigurta li hemm fejn il-ġnien dawwarniha lejn it-triq sabiex din tilħaq irkejjen oħra li s-issa ma ntlaħqux. Is-Sindku spjega li fil-laqgħa mall-Kummissarju huwa kien wiegħed li ser jiġu nstallati kameras tas-sigurta' fit-tul kollu tat-Triq u li dawn ser ikunu ssorveljati mill-Pulizija.

34.9.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li s-issa l-Kunsill ma ħa l-ebda gwadann mill-kamera li tpoġġiet hemm. Kien japprezza jekk l-amministrazzjoni tal-Kunsill informat lill-Kunsilliera dwar dan iċ-ċaqlieq fil-kamera. Huwa qal li hemm bzonn li l-Kunsill jieħu azzjoni u jekk hemm bżonn jinħareġ tender sabiex wieħed jifhem eżattament l-ispejjeż involuti. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *34.10 Xiri ta' premijiet għall-Kompetizzjoni tat-Tappini*

34.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser ikun qed jixtri premijiet għall-kompetizzjoni tat-tappini bħalma seħħ is-sena l-oħra. Il-premijiet li ser ikunu qed jinxtraw ser ikunu marbutin mat-tema tal-ambjent. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *34.11 Xiri ta' kotba għat-tfal li ser jieħdu sehem fit-Tħawwil tas-Siġar*

34.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-kotba li ser jinxtraw għall-attivita' ta' Jum il-Marsa wkoll ser ikunu relatati mat-tema tal-ambjent peres li l-attivita' ewlenija ser tkun iffukata fuq it-tħawwil tas-siġar. Hawnhekk il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *34.12 Logo għal Kampanja ta' Tindif*

34.12.1 Din it-tema ser tkun qed titla f'seduta oħra.

## *34.13 Performance Bonus tal-Impjegati*

34.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-performance appraisals taż-żewġ impjegati klerikali tal-Kunsill. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, s-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li ż-żewġ impjegati klerikali jingħataw il-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 6%.Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

34.13.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ġibet għall-attenzjoni li mpjegata tal-Kunsill meta kienet ħierġa mix-xogħol ma għamlet l-ebda rapport li kien hemm emigrant mall-art quddiem l-uffiċju tal-Kunsill. Huwa xtaq li din ma ssirx.

## *34.14 Deċiżjoni dwar Tender Urban Greening fil-Lokalita' tal-Marsa*

34.14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq fuq il-mejda ż-żewġ sejħiet li rċieva il-Kunsill dwar tender sabiex titħaddar il-lokalita', liema fondi ngħataw mill-Ministeru tal-Ambjent. Iż-żewġ Kumpaniji kienu Piscopo Gardens u l-ELC. L-orħos tender kienet dik tal-kumpanija Piscopo Gardens. Għaldaqstant, jekk il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dan it-tender ser jkun qed jingħata lill-kumpanija ta' Piscopo Gardens peres li huma l-irħas għas-servizzi offruti għal din is-sejħa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favor kien unanimu. Is-Sindku wara l-vot fakkar li l-Kunsill diġa' għandhu ordnati pots tal-concrete għal fuq il-bridge ta' ħdejn il-Kunsill skond kif kien miftiehem meta saret l-applikazzjoni ta' dawn il-fondi.

## *34.15 Deċiżjoni dwar kwotazzjoni Provista' ta' Bins*

34.15.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq fuq il-mejda l-kumpaniji li kienu interrassati fil-kwotazzjoni ta' provista' ta' bins. Dawn kienu Petrolea, Urban Play Solutions, Sole Trader, Signmark Ltd, SR Environmental Solutions Ltd, u Green Skip Services Ltd. Wara li l-Kunsilliera raw il-materjal provdut min kull kumpanija saret diskussjoni dwar is-suġġett u kien hemm qbil li l-aħjar bins u offerta huma ta' dik il-kumpanija bl-isem ta' Sole Trader. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

34.15.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa x'inhi l-possibilita' li l-Kunsill jikkonsidra li jagħmel id-doggy bins. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li nistgħu nsaqsu lill-kumpanija li tipprovdilna l-bins jekk jistgħux jipprovdu dawn id-doggy bins.

## *34.16 Rapport ta' evalwazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol*

34.16.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill huwa kommess li jagħmel rapport ta' evalwazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol kif titlob il-liġi. Huwa rrimarka li fil-jiem li ġejjin il-Kunsill ser ikun qed ifittex mill-privat kumpanija li tagħmel dan ir-rapport. Bħal diversi Kunsilli oħra, l-Kunsill tal-Marsa rċieva multa peress li naqas li jagħmel

dan ir-rapport li madanakollu l-Kunsill qatt ma ġie nfurmat u lanqas mitlub biex jagħmel dan ir-rapport. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favor kien unanimu.

## *34.17 Laqgħa Pubblika*

34.17.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar li skont il-liġi, l-Kunsill huwa obbligat li jsejjaħ laqgħa annwali tal-lokalita' qabel ma jiġi approvat l-Estimi Annwali. Il-Membri kollha tal-Kunsill qablu li din il-laqgħa għandha ssir nhar il-Gimgħa 19 ta' Jannar fis-sebgħa ta' filgħaxija fil-bini tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *34.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

34.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għall-10 ta' Jannar 2018 fil-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 10 ta' Jannar 2018